MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 128/1996/1

**L-Avukat Dottor Antoine Gambin, l-Avukatessa Dottoressa Dottor Nadya O'Flaherty u Janet Borg u ghal kull interess li jista' jkollu zewgha Joseph Borg**

**vs**

**Raymond Bondin f'ismu personali, f'isem id-Ditta Express Travel kif ukoll bhala rapprezentant tad-ditti esteri Claims International Limited u Virgin Atlantic Airways Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn atturi wara ppremettew:-

Illi fl-1994 l-atturi kienu xtraw package deal sabiex imorru btala sal-Istati Uniti ta' l-Amerka minghand il-konvenut Raymond Bondin;

Illi f'dan il-package deal kien hemm inkluz polza ta' assikurazzjoni u cioe' travel insurance li kellha tkopri lill-atturi kontra l-perikli inkluzi dawk ta' telf ta' bagalji, kif ukoll ghall-ispejjez medici li l-atturi setghu jigu bzonn waqt li kienu fuq il-btala msemmija;

Illi waqt li kienu fuq din il-btala, l-atturi sofrew danni taht forma ta' bagalji mitlufa, kif ukoll gew bzonn ta' kuri medici;

Illi wara li ghamlu l-claims necessarji ghand il-konvenut hawn Malta, kif ukoll mad-ditta konvenuta kemm barra minn Malta, dan ta' l-ewwel baqa' jsostni li fil-fatt hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-insurance specifika fil-package deal;

Illi fil-fatt il-konvenut Raymond Bondin qatt ma kkomunika dan il-fatt lill-atturi tant li dawn ta' l-ahhar kienu jahsbu li fil-fatt hu kellu rapprezentazzjoni tad-ditti esteri u ma kellhom ebda raguni valida sabiex ma jkomplux jahsbu hekk;

U illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex dawn ta' l-ahhar jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-istess atturi;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi in linea ta' danni sofferti mill-istess atturi bhala rizultat tal-fatt li l-claim taghhom ma gietx accettata wara li kien hemm l-elementi kollha necessarji sabiex tali claim tigi sodisfattal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament jidher li tehtieg li ssir korrezzjoni fid-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni stante li l-okkju tad-dikjarazzjoni ma jikkorrispondix ma' dak tac-citazzjoni;

2. Subordinatament l-eccipjenti Raymond Bondin ma' jirraprezentax lid-ditti esteri Claims International Limited u Virgin Atlantic Airways Limited, inkluz f'proceduri gudizzjarji;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju t-talba de quo ma messitx giet intavolata kontra l-eccipjenti fil-vesti personali tieghu imma biss versu s-socjetajiet konvenuti Claims International Limited u Virgin Atlantic Airways Limited peress illi l-obbligu li tigi sodisfatta l-claim ta' l-atturi huwa taghhom;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju meta l-eccipjenti biegh "il-package deal" de quo lill-atturi sabiex imorru btala sa l-Istati Uniti ta' l-Amerika hu ma kienx jaf li dan il-package deal kien difettuz fis-sens li t-travel insurance inkluza mieghu ma kinitx tkopri persuni li ma joqoghdux fir-Renju Unit u ghalhekk a tenur ta' l-artikolu 1429(2) tal-Kodici Civili mhuwiex responsabbli ghad-danni;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-atturi ma sofrewx danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Raymond Bondin propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li fil-kors tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 1996 giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkjo fid-dikjarazzjoni tal-atturi u b'hekk giet sorvolata l-ewwel sottomissjoni tal-konvenut propio et nomine;
Semghet lill-konvenut u x-xhud minnu prodott;

Semghet lill-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut propio et nomine;

Rat in-nota responsiva tal-atturi;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li kienu akkwistaw minghand il-konvenut propio et nomine "package deal" biex imorru btala fl-Istati Uniti ta' l-Amerka. Dan il-"package deal" kien jinkludi polza ta' assikurazzjoni li kellha tkopri lill-atturi kontra r-riskju ta' telf ta' bagalji u ta' spejjez medici. L-atturi jkomplu jallegaw li waqt din il-btala huma sofrew danni billi l-bagalji mitlufa taghhom gew mitlufin u kellhom ukoll bzonn ta' kuri medici. Wara li ghamlu l-"claim" relattiva kemm mal-konvenut propio kif ukoll mad-ditti konvenuti esteri, il-konvenut ippretenda li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-polza ta' assikurazzjoni in kwestjoni. In effett il-konvenuti kollha irrifjutaw li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni in kwestjoni;

Ghalhekk l-atturi talbu li jigi likwidat l-ammont dovut lilhom mill-konvenuti in linea ta' danni;

Il-konvenut propio et nomine qed jeccepixxi, fost affarijiet ohra li l-konvenut propio ma' jirraprezentax lid-ditti esteri konvenuti u li t-talba ma kellix tkun diretta kontra tieghu propio. Inoltre qed jigi eccepit li l-konvenut propio mhux responsabbli ghall-rbda Danni stante li ma kienx jaf li l-polza ta’ assikurazzjoni in kwestjoni ma kinitx tkopri persuni li ma joqoghdux fir-Renju Unit. Finalment qed jigi eccepit ukoll li mhux minnu li l-atturi sofrew danni;

Fl-opinjoni tal-Qorti c-citazzjoni tal-atturi hi difettuza u monka stante li l-atturi ma talbux li l-ewwel jigi dikjarat li l-konvenuti, jew minn minhom, huma responsabbli ghad-danni in kwestjoni. L-atturi qed jiotolbu biss li jigu likwidati l-eventwali danni in kwestjoni. Lanqas ma talbu li minn semmai jirrizulta responsabbli ghall-istess danni jigi kundannat ihallas is-somma likwidita;

In vista tal-premess dawn il-procerduri jirrizultaw li huma nulli;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddikjara li dawn il-proceduri huma nulli u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------